# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **846/2023 AD**

## RAYMOND ATKINS (K.I. 172856M)
## U
## VERGINIA ATKINS (K.I. 563261M)

**VS**

## ALEXANDER SIVE ALEX MERCIECA (K.I. 85363M)

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, sbatax (17) ta' Novembru 2023**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali wara talba għall-ħlas tas-somma dovuta mill-intimat lill-atturi Raymond u Vergina Atkins fl-ammont ta' disgħin elf Ewro (€90,000), imressqa permezz ta' rikors ta' Raymond Atkins u Vergina Atkins preżentat fil-tnejn (02) ta' Awwissu, 2023 ai termini tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat nhar it-tnejn (02) ta' Awwissu 2023, Raymond Atkins ikkonferma bil-ġurament tiegħu u talab kif isegwi:

   a) Illi permezz ta' ftehim datat 15 ta' Lulju 2020 (kopja hawn annessa u markata bħala Dok.A) l-intimat kien obbliga ruħu versu r-rikorrenti li jħallas penali fis-somma ta' €3750 (tlett elef seba' mija u ħamsin Ewro) għal kull xahar ta' dewmien da parti tal-intimat milli jlesti l-izvilupp mertu tal-att pubbliku datat 20 ta' Novembru 2018 fl-atti tan-Nutar Dorian Sciberras (kopja hawn annessa u markata bħala Dok. B).

   b) Illi l-izvilupp imsemmi ġewwa Triq l-Isptar, G'Mangia għadu sad-data tal-lum mhux lest, anzi għadu anqas inbeda, u dana għal raġunijiet interament imputabbli lill-intimat.

   c) Illi da parti tal-intimat huwa ħallas il-penali, skont il-ftehim tal-15 ta' Lulju 2020, għax-xhur bejn Settembru 2020 u Mejju 2021 u dana kif jirriżulta mid-dokumenti hawn annessi u markati bħala Dok C sa Dok. K;

   d) Illi konsegwentement sad-data tal-preżentata ta' dina l-kawża hemm dovuta l-penali, skont il-ftehim tal-15 ta' Lulju 2020, għax-xhur ta' Ġunju 2021 sa Mejju 2023, li b'kollox jammontaw għal erba' u għoxrin (24) xahar ulterjuri ta' dewmien soġġetti għall-hlas ta' penali fis-somma ta' €3750 (tlett elef seba mija u ħamsin Ewro) għal kull xahar;

   e) Illi ghalhekk l-ammont ta' penali dovuti għax-xhur ta' Ġunju 2021 sa Mejju 2023 jammontaw għal €90,000 (disgħin elf Ewro);

f) Illi, l-intimat nonstante li ġie interpellat diversi drabi sabiex iħallas dan id-debitu, anke permezz tal-ittra uffiċjali, baqa' inadempjenti;

g) Illi dana d-debitu huwa ċert, likwidu u dovut u fil-fehma tar- rikorrenti l-intimat ma għandu ebda eċċezzjoni xi jressaq għall-hlas ta' dan id-debitu;

3. Għaldaqstant jghid l-intimat għaliex dina l-Onorabbli Qorti ma għandhiex:

i. tipproċedi għas-sentenza skont it-talba tal-istanti bid-dispensa tas-smigħ tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

ii. tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' disgħin elf Ewro (€90,000), rappreżentanti l-penali dovuti, skont il-ftehim tal-15 ta' Lulju 2020, għax-xhur ta' Ġunju 2021 sa' Mejju 2023, bl-imgħaxijiet ulterjuri mid-data tad-dovut pagament sad-data tal-pagament effettiv u dana bl-għola rata skont il-Liġi;

i. Bl-ispejjeż, inklużi tal-Mandat ta' Sekwestru, l-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju u l-Mandat ta' Inibizzjoni preżentati kontestwalment, kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt in subizzjoni.

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar is-seba' (07) ta' Awwissu 2023, din il-Qorti appuntat il-kawża għas-seduta ta' nhar it-Tnejn, wieħed u għoxrin (21) ta' Awwissu 2023, b'ordni lill-konvenut sabiex jidher f'dik il-ġurnata u jwieġeb għat-talba tal-atturi, u, fin-nuqqas, tgħaddi u tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-atturi;

5. Rat illi l-konvenut gie notifikat bir-rikors ġuramentat, bid-digriet tal-appuntament tal-kawza u bl-avviż tas-smigħ tal-kawza fit-tnax (12) ta' Ottubru, 2023 fejn tħalliet kopja tal-istess fl-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan, fil-Kunsill Lokali ta' Swieqi u mar-residenza tal-konvenut u fil-ħdax (11) ta' Ottubu, 2023 permezz ta' estratt pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern.

6. Rat il-verbal tas-seduta tat-tlettax (13) ta' Ottubru 2023 fejn l-kawża tħalliet għall-erbatax (14) ta' Novembru, 2023 għan-notifika fil-gazzetta lokali.

7. Rat in-nota tal-atturi tad-disa' (9) ta' Novembru, 2023 fejn jirriżulta li l-konvenut ġie notifikat permezz ta' estratt pubblikat fil-gazzetta lokali *The Malta Independent.*

8. Il-konvenut, debitament notifikat u msejjaħ diversi drabi, ma deherx waqt is-seduta tal-erbatax (14) ta' Novembru 2023.

**Il-Qorti**

9. Wara illi rat l-atti u l-Art 170/(1) tal-Kap 12

10. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

11. Fl-ewwel lok, in konsiderazzjoni tan-nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tal-konvenut sabiex il-kawża tinstema' bid-dispensa tas-smigħ, il-Qorti tqis illi l-ewwel talba tar-rikorrenti għandha tintlaqa';

12. Fit-tieni lok, il-Qorti tqis illi jista' jitqies sodisfaċentement pruvat il-fatt illi l-konvenut kien obbliga ruħu, permezz ta' ftehim datat 15 ta' Lulju, 2020 li

għandu jħallas lill-atturi penali fis-somma ta' €3750 għal kull xahar ta' dewmien minn Gunju 2021 sa Mejju 2023 fis-somma ta' **disgħin elf Euro (€90,000);**

13. Il-fatt illi l-bilanċ għadu dovut fl-intier tiegħu, huwa fatt illi ma ġiex kontestat. Hekk kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Francis Fenech vs Joseph Xerry et***[1]:

> *Illi f'kawżi għall-ħlas ta' allegat dejn, il-piż tal-prova tal-eżistenza tad-debitu jaqa' fuq l-attur. Ġaladarba jressaq din il-prova, imbagħad il-piż idur fuq il-konvenut biex jipprova l-ħlas:*
>
> > *"Illi bħala kreditur, l-attur hu fid-dmir li jipprova li jeżisti debitu, li dan id-debitu għadu dovut, u li d-debitur tiegħu baqa' inadempjenti fil-ħlas. Hu biss meta tiġi realizzata u sodisfatta din il-prova illi mbagħad l-oneru jisposta fuq il-konvenut debitur li jallega l-pagament. Dan il-prinċipju għandu l-fondament tiegħu fuq il-bażi li kulħadd għandu jipprova l-allegazzjonijiet tiegħu. Kif deċiż, "fil-każ ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi nkombenti rispettivament lilhom, cioe, l-attur l-esiġibilita' u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja ta' l-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-prinċipju 'actore non probante reus absolvitur'" – "**Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri",** Qorti Ċivili, Prim'Awla, per Imħ Maurice Caruana Curran, 27 ta' Mejju 1970"* [Taliana Carmen v. Vassallo Cesareo Leonard 03.11.2004 QA(PS)]

[1] Rik Nru 1278/2008, Prim'Awla (Qorti Ċivili), Onor Imħ Grazio Mercieca, 10 t'Ottubru 2019 (in ġudikat)

Il-konvenut ma ġab l-ebda prova illi effettivament għamel xi ħlas. Infatti, minkejja illi ġie debitament notifikat bir-rikors odjern, il-konvenut xorta waħda naqas milli jattendi għas-seduta u/jew mill-inqas jibgħat rappreżentant legali sabiex jidher għan-nom tiegħu. **Għaldaqstant, il-Qorti qed tasal għall-konklużjoni illi t-talba tal-atturi għandha tintlaqa'**;

**Decide**

14. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **Tiddikjara** illi l-ewwel talba ġiet sorvolata, u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha;

(ii) **Tilqa'** t-tieni talba attriċi in kwantu tikkundanna lill- konvenut jħallas lill-atturi s-somma dovuta ta' **disgħin elf Euro (€ 90,000)**, liema somma tirrappreżenta penali skont ftehim privat iffirmat bejn il-partijiet,

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru, il-mandat ta' qbid u l-mandat ta' inibizzjoni li ġew intavolati kontestwalment mar-rikors ġuramentat, u bl-imgħaxijiet legali dekorribbli mid-data ital-prezentata tar-rikors guramentat sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**